

32002O0006

L 270/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.10.2002

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-26 ta' Settembru 2002

dwar *standards* minimi għall-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali meta jwettqu operazzjonijiet ta' politika monetarja, operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali mar-riservi esteri tal-BĊE u l-ġestjoni ta' l-assi ta' riserva estera tal-BĊE

(BĊE/2002/6)

(2002/777/KE)

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

- (3) L-Artikolu 38.1 ta' l-Istatut jipprovdi li l-membri tal-korpijiet regolatorji u l-impjegati tal-BĊE u l-BĊN għandhom ikunu meħtieġa, ukoll wara li jkunu spiċċaw il-kompiti tagħhom, li ma jżvelawx informazzjoni tat-tip koperta mill-obbligu tas-sigriet professjonali.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi il-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari, it-tieni u t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 105(2),

- (4) Il-membri tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE ftiehem dwar Memorandum ta' Ftehim fuq materji simili fil-laqgħa tal-Kunsill Regolatorju tas-16 ta' Mejju 2002 ⁽³⁾.

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, flimkien ma' l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 3.1, ta' l-Artikolu 18.2 u l-Artikolu 30.6,

- (5) Skond l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 ta' l-Istatut, il-Gwidi tal-BĊE jiffurmaw parti integrali mil-liġi Komunitarja,

Billi:

- (1) Skond l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 105(2) tat-Trattat, fost il-kompiti bażiċi li jridu jitwettqu mill-SEBĊ hemm id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Komunità, it-tweitiq ta' l-operazzjoni ta' kambju internazzjonali b' mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 111 tat-Trattat u ż-żamma u l-amministrazzjoni tar-riservi esteri uffiċjali ta' l-Istati Membri.

ADDOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

- (2) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jqis li huwa meħtieġ għall-BĊE u kull bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti (BĊN) li japplika l-*standards* minimi meta: (i) iwettaq operazzjonijiet ta' politika monetarja; (ii) iwettaq operazzjoni ta' kambju internazzjonali mar-riservi esteri tal-BĊE, u, and (iii) jamministra l-assi ta' valuta estera sa fejn il-BĊNi jaġixxu bħala aġent għall-BĊE skond il-Linja gwida BĊE/2000/1 tat-3 ta' Frar 2000 dwar l-amministrazzjoni ta' assi ta' valuta estera tal-Bank Ċentrali Ewropew lill-banek ċentrali nazzjonali u d-dokumentazzjoni legali għall-operazzjonijiet li jinvolvu l-assi ta' valuta estera tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bil-Linja gwida BĊE/2001/12 ⁽²⁾.

L-*standards* minimi tal-BĊE u l-BĊN meta jwettqu l-operazzjonijiet ta' politika monetarja, l-operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali mar-riservi esteri tal-BĊE u jamministraw l-assi ta' valuta estera tal-BĊE

Meta jwettqu attivitajiet jew operazzjonijiet relatati ma' operazzjonijiet tal-politika monetarja, operazzjonijiet tal-kambju mar-riservi barranin tal-BĊE meta jamministraw l-assi ta' valuta estera tal-BĊE, il-BĊE u kull BĊN għandu jaċċerta li r-regoli interni tiegħu relatati ma' tali operazzjonijiet jew ma' tali amministrazzjoni, kemm jekk huma kodiċi tal-kondotta, regolamenti tal-persunal jew kwalunkwe tip ieħor ta' regoli interni, iħarsu l-*standards* minimi li ġejjin, fil-qafas tal-liġijiet nazzjonali applikabbli u l-prattiki fis-swieq tax-xogħol.

⁽¹⁾ ĠU L 207, tas-17.8.2000, p. 24.

⁽²⁾ ĠU L 310, tat-28.11.2001, p. 31.

⁽³⁾ ĠU C 123, ta' l-24.5.2002, p. 9.

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Ir-regoli interni tal-BĊE u tal-BĊN għandu jkun jinsab fihom dispożizzjonijiet vinkolanti li jaċċertaw il-konformità ma' dawn l-istandards minimi ta' l-attivitàjiet jew l-operazzjonijiet kollha tal-BĊE u tal-BĊN relatati mal-politika monetarja, operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali mar-riservi esteri tal-BĊE u meta jamministraw l-assi ta' valuta estera tal-BĊE.

Ir-regoli li jinsabu hawn għandhom jgħoddu għal dawn:

- il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE meta mhux qed jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom bħala membri tal-Kunsill Regolatorju,
- il-membri tal-korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-BĊN, minbarra dawk li huma membri tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE (u l-alternati tagħhom maħtura skond l-Artikolu 4.4 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew) filwaqt li jesejċitaw il-kompiti tagħhom bħala membri tal-Kunsill Regolatorju,
- l-impjegati kollha tal-BĊE involuti f'attivitàjiet jew operazzjonijiet relatati mal-politika monetarja operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali mar-riservi esteri tal-BĊE u l-amministrazzjoni ta' l-assi ta' valuta estera tal-BĊE, u
- l-impjegati kollha tal-BĊN involuti f'attivitàjiet jew operazzjonijiet relatati mal-politika monetarja, operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali mar-riservi esteri tal-BĊE u l-amministrazzjoni ta' l-assi ta' valuta estera tal-BĊE

(dawk il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE u l-korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-BĊN huma hawnhekk iżjed 'il quddiem kollettivament imsejħa "korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet" u dawk l-impjegati tal-BĊE u tal-BĊN huma hawnhekk iżjed 'il quddiem kollettivament imsejħa "impjegati").

Dawn l-istandards minimi mhumiex maħsuba li jeskludu jew jippreġudikaw l-operat ta' dispożizzjonijiet oħrajn aktar stringent i stabbiliti fir-regoli interni tal-BĊE u tal-BĊN li japplikaw għall-impjegati kif ukoll għall-korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet, u dawn l-istandards minimi għandhom ikunu wkoll mingħajr preġudizzju għall-operat ta' l-Artikolu 38.1 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. SORVELJANZA TA' L-AMMINISTRAZZJONI TA' L-OPERAZZJONIJET MAL-KONTROPARTIJET FIS-SUQ

Il-kontroll fuq l-attivitàjiet ta' l-impjegati imqabba biex jaħdmu fl-operazzjonijiet mal-kontropartijiet fis-suq hija r-responsabbiltà ta' l-amministrazzjoni rispettiva. L-awtorizzazzjonijiet u r-responsabbiltajiet li skond huma għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom l-operaturi fis-suq u l-ħaddiema appoġġanti għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar bil-miktub.

3. EVITAR TA' KUNFLITTI TA' INTERESS POTENZALI

Il-korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-impjegati huma meħtieġa li jastjenu milli jkunu parti minn kwalunkwe transazzjonijiet ekonomiċi jew finanzjarji li jistgħu jipprevjenu l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom.

Il-korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-impjegati għandhom jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li x' aktarx tqajjem kunflitt ta' interessi.

4. PROJIZZJONI TA' NEGOZJU MINN ĠEWWA

Il-BĊE u l-BĊNi m' għandhomx Il-BĊE u l-BĊNi m' għandhomx jippermettu l-korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-impjegati li jwettqu negozju minn ġewwa, u lanqas li jgħaddu informazzjoni

li mhux pubblika miksuba fuq il-post tax-xogħol lil terzi. Barra minn hekk, il-korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-impjegati ma jistgħux jużaw għarfien mhux pubbliku relatat ma' l-SEBĊ miksub fuq il-post tax-xogħol kull meta jagħmlu operazzjonijiet finanzjarji privati.

In-negozju minn ġewwa huwa definit bħala l-attività ta' kwalunkwe persuna li, minħabba l-impieg, professjoni jew doveri tagħha, għandha aċċess għal xi informazzjoni ta' natura preċiża li tista' tkun rilevanti għall-operazzjonijiet ta' politika monetarja, operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali mar-riservi esteri tal-BĊE u l-amministrazzjoni ta' l-assi ta' valuta estera tal-BĊE qabel ma ssir pubblika u tiegħu vantaġġ minn dik l-informazzjoni bl-għarfien sħiħ tal-fatti billi takkwista jew tid-disponi minn, għall-kont proprju jew għall-kont ta' ħaddieħor, direttament jew indirettament, assi (inklużi garanziji trasferibbli) jew drittijiet (inklużi drittijiet taħt kuntratti tad-derivattivi) li għalihom dik l-informazzjoni hija relatata fil-qrib.

Il-BĊE u l-BĊNi għandu jkollhom arranġamenti xierqa f'post-hom biex jivverifikaw li l-operazzjonijiet finanzjarji li jidħlu għalihom il-korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-impjegati jikkonformaw ma' din ir-regola. Barra minn hekk, dawn l-arranġamenti għandhom jiġu strettament limitati għall-verifika tal-konformità rigward dawk it-tipi ta' operazzjonijiet li jistgħu jkunu rilevanti għall-operazzjonijiet ta' politika monetarja, operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali mar-riservi esteri tal-BĊE u l-amministrazzjoni assi ta' valuta estera tal-BĊE. Dawn il-verifiki tal-konformità għandhom jitwettqu biss fejn hemm raġunijiet serji biex dan isir.

5. DIVERTIMENT U RIGALI

Il-korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-impjegati m' għandhomx jissolleċitaw rigali u divertiment terzi fil-kors li jwettqu operazzjonijiet ta' politika monetarja, operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali mar-riservi esteri tal-BĊE u l-amministrazzjoni ta' l-assi ta' valuta estera tal-BĊE u l-korpjiet li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-impjegati lanqas ma jistgħu jaċċertaw rigali u divertiment aktar minn ammont konswetudinarju jew negliġibbli, kemm finanzjarju jew mhux finanzjarju, li jista' jipprevjeni l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom.

L-impjegati għandhom jiġu meħtieġa li jinfurmaw lill-amministrazzjoni tagħhom dwar kwalunkwe attentat minn kontroparti li joffrilhom tali rigali jew divertiment.

Artikolu 2

Emendi lill-Linja gwida BĊE/2000/1

L-Artikolu 3a ta' u l-Anness 4 tal-Linja gwida BĊE/2000/1 għandhom jiġu mħassra.

Artikolu 3

Verifika

Il-BĊNi għandhom jibagħtu dettalji tat-testi u l-metodi li bihom huma jridu jħarsu din il-Linja gwida lill-BĊE sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2002 sa fejn għadhom m' għamlux dan fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-Linja gwida BĊE/2001/5 ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 190, tat-12.7.2001, p. 26.

*Artikolu 4***Dispożizzjonijiet finali**

1. Din il-Linja gwida hija indirizzata lill-BĊN ta' l-Istati Membri li addottaw il-munita unika skond it-Trattat.
2. Din il-Linja gwida għandha tidħol fis-seħħ fit-31 ta' Novembru 2002.
3. Din il-Linja gwida għandha tiġi ppubblikata *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-26 ta' Settembru 2002.

Għan-nom tal-Kunsill Regulatorju tal-BĊE

Il-President

Willem F. DUISENBERG
